Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/580

17.3.2026

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/580

## tal-24 ta' Novembru 2025

## dwar l-iffirmar u l-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(5) u (6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) F' Ottubru 2004, il-Kunsill awtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Konfederazzjoni Żvizzera għal ftehim bejn l-Unjoni u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet.

(2) Abbażi ta' dik l-awtorizzazzjoni, ġie nnegozjat tali ftehim bejn l-Unjoni u l-Konfederazzjoni Żvizzera.

(3) Jenħtieġ li l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet għandu jiġi approvat f'isem l-Unjoni u l-iffirmar tiegħu jenħtieġ li jiġi awtorizzat sabiex jorbot lill-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni [1] L-iffirmar tiegħu, li jesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim, huwa b'dan awtorizzat.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. LØKKE RASMUSSEN

(1) It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, 2026/581, 17.3.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2026/581/oj.